HAL BALZAN

IS-SEBA' SENA Nru. 38 — NOVEMBRU/DIĊEMBRU 1977

EDITORJAL

IFRAH U FERRAH

L-ispirtu tal-Milied diġà beda jinħass fostna. Bdejna naraw armaturi u vetrini ta' ħwienet imżejna, ħafna ġa ħasbu biex jiżirgħu l-qamħ u l-ġulbiena biex jarmaw il-Bambin, u t-tfal diġà qed joħolmu bir-rigali li se jaqilgħu mingħand il-qraba u l-ħbieb: ħwejjeġ sbieħ għax juru li din il-festa għad għandha għeruq sodi u fondi fi qlubna.

Biss, sfortunatament, għal ħafna nies il-festa tal-Milied tieqaf hawn; tibqa' biss fil-qoxra, f'dak li hu biss xejxi u tiżjin ta' barra, u qajla tasal sal-qalba tal-vera tifsira ta' din il-festa kbira. Dan x'aktarx jiġri għaliex dawn in-nies tant huma moħħhom f'dak li hu materjali li lanqas biss tgħaddilhom minn rashom li jieqfu ftit u jaħsbu fuq dak li niċċelebraw aħna l-insara f'dawn il-jiem għeżież.

Il-Milied ifakkarna fil-ħelsien mill-jasar, ħelsien li ġabithulna t-tarbija-Alla ta' Betlehem, ħelsien li għamilna wlied Alla u werrieta tas-sema. U għalhekk, bir-raġun kollu, għandna għax nifirħu, nifirħu b'ferħ qaddis, u naqsmu dan il-ferħ tagħna ma' min, għal raġuni jew oħra, ma jistax jifraħ daqsna. Ferħ qaddis — jiġifieri ferħ ġej mill-għaqda tagħna m'Alla u mill-ħbiberija tagħna mal-bnedmin. Ferħ qaddis — li jġegħilna nagħtu minn dak li għandna u naqsmu ma' ħaddieħor li hu inqas ixxurtjat minna. Ferħ qaddis — ta' min mhux kuntent li jifraħ waħdu imma jrid iferraħ lix-xjuħ, lit-tfal, lill-morda, lill-iltiema.

Il-kampanja IFRAH U FERRAH, organizzata mill-Kumitat Festi Nazzjonali, għandha ssib l-appoġġ tagħna lkoll, biex f'dan iż-żmien nifirħu aħna u nferrħu 'l ħaddieħor. Kull wieħed u waħda minna għandna nħossuna fid-dmir li naraw x'nistgħu noffru lill-istituti tal-karità f'pajjiżna biex huma wkoll jifirħu magħna f'dan iż-żmien sabiħ tas-sena. B'hekk il-ferħ tagħna jkompli joktor u jiżdied.

KAŻINI U GHAQDIET F'HAL BALZAN

Il-każini u l-għaqdiet huma l-ħajja tal-Parroċċa. Flimkien huma jagħmlu lill-Parroċċa dak li hi — komunità ta' nies, li jgħixu flimkien, jaħdmu flimkien, jorganizzaw attivitajiet flimkien għall-ġid ta' l-istess komunità. F'Hal Balzan, matul is-snin, kibru u żviluppaw diversi għaqdiet u soċjetajiet għal għanijiet differenti. Uħud għandhom bi skop tagħhom l-edukazzjoni reliġjuża, oħrajn il-festa titulari, hemm oħrajn li għandhom l-attività sportiva, fil-waqt li hemm oħrajn għall-politika.

Dawn il-għaqdiet f'Hal Balzan minn dejjem kienu attivi u minn dejjem ġabru fihom elementi tajbin mill-Parroċċa u rawmu rġiel u nisa li aktar tard uħud minnhom imxew 'il quddiem u għamlu isem fuq skala nazzjonali. Dan li qed ngħidu għall-Parroċċa tagħna jgħodd ukoll għal postijiet oħra. Dawn l-organizzazzjonijiet żgħar fl-ibliet u l-irħula tagħna huma l-benniena ta' ċittadini li għamlu isem lil pajjiżhom. Għalhekk għaqdiet bħal dawn huma ta' min ifaħħarhom u jinkoraġġihom.

Hawn ta' min ifakkar li proprju f'Marzu ta' din is-sena, il-Banda 'San Gabriel' għalqet 25 sena mit-twaqqif tagħha. (ħalkemm m'huwiex għomor twil ħafna, però huwa xhieda biżżejjed ta' ħafna snin ta' servizz li l-banda tagħna tat, sew fil-festi tar-raħal tagħna u f'festi oħra, reliġjużi u m'humiex. F'isem il-Balzanin kollha, aħna nixtiequ aktar ħidma u aktar snin ta' suċċess lill-Banda 'San Gabriel', u jalla aktar żgħażagħ Balzanin jingħaqdu ma' din il-banda u jitgħallmu l-mużika.

"IL-HAŻIN HAFNA DRABI JIĠI MPINĠI LILNA BHALA TAJJEB."

IL-KUNSILLI PARROKKJALI TA' HAL BALZAN

U SAN ĠUŻEPP HADDIEM, B'KARA

Jippreżentaw

FORUM DWAR IL-PASTORALI FUQ

L-ABORT

Jieħdu sehem —

- Rev. Prof. M. Eminyan S.J.
- Prof. J. Aquilina B.A., LL.D., Ph.D.
- Mrs. Doris Spiteri
- Dr. Lydia Zammit M.D.

Fejn? — Aurora Hall, Ħal Balzan.
Meta? — It-Tlieta, 6 ta' Diċembru.
Ħin? — 6.00 p.m.

(Jintwerew ukoll xi slides u tiġi ppreżentata kanzunetta fuq l-abort)

(ARA PAĠNA 3)

GRAJJA F'HAL BALZAN

FIS-SENA 1800

Nhar is-7 ta' April 1800, fil-għodu kmieni, il-kjeriku Publiju Cassar, minn Ħal Balzan, mar fil-Palazz ta' Sant'Anton, biex personalment iressaq it-talba tiegħu bil-miktub, biex jiġi kumpensat għal xi ħsarat li kienu kkaġunawlu f'waħda mid-djar li kellu fir-raħal.

KITBA TAL-KAVALIER JOSEPH GALEA

It-taqbida bejn l-Ingliżi w il-Maltin kontra l-Franċiżi kienet għadha fl-aqwa tagħha, iżda milli kien jidher ġewwa s-swar tal-Belt Valletta, fejn kienu mblukkati l-Franċiżi, ma tantx kienu sejrin tajjeb bħal qabel. Minn ftit żmien 'l hawn ma kenitx waslet aktar għajnuna minn Franza, u għaldaqstant Vaubois, il-mexxej tal-ħakma Franċiża, kien beda jitħasseb mhux ftit.

Il-Maltin, mill-banda l-oħra, kienu għoddhom ftaqru, għax kulħadd kien qiegħed fuq l-art; l-agrikoltura kienet naqset bdew jinżammu tal-Kungress kienu ħadu xejra oħra. Kull raħal kien bagħat rappreżentant fil-Kungress, u b'hekk kulħadd bħal kellu sehem fid-deċiżjonijiet li kienu jittieħdu għalbiex ixejnu l-gvern Franċiż minn Malta.

Fit-talba tiegħu, il-kjeriku Cassar kien irrakkonta ġrajja li kien għadda minnha hu personalment. Dan l-episodju fi żmien il-ħakma qasira tal-Franċiżi qatt ma ġie miktub minn ebda

Il-kjeriku Cassar żied igħid li l-bhejjem li daħħal fid-dar, minflok għal lejla waħda, kienu baqgħu hemm ġew żmien twil, sa dak inhar li kien qed iressaq it-talba tiegħu. Huwa qal li ma kenux ħallsuh tal-kera. Barra minn hekk, qal ukoll li l-majjali kienu għamlulu ħafna ħsara: kienu gerrmu l-ħitan kollha, ħaffru l-qiegħa ta' l-art, u nofs il-bibien kienu mikula.

Għaldaqshekk kien qed jitlob

NIXTIEQU MILIED QADDIS U HIENI LILL-BALZANIN U L-QARREJJA TAGHNA KOLLHA.



għal kollox, u l-mard, imħabba n-nuqqas tal-ħteġijiet għas-saħħa, kien qed jagħmel tiegħu wkoll.

Biex ma jkun jonqoshom xejn tabilħaqq, fost il-Maltin kienet laħqet nibtet ċerta rivalità, bħal parrokkjaliżmu, l-istess kapijiet kienu jiġġieldu bejniethom, min għall-għira, min għall-ambizzjoni, u min għar-regħba.

Meta kien ġie ffurmat il-Kungress Nazzjonali, imħabba f'hekk, kienu għażlu lill-Kaptan John Alexander Ball, Ingliż, bħala president tal-Kungress. B'riħet hekk, dawk il-laqgħat li kienu kittieb.

Huwa qal li meta waslu hawn Malta t-truppi Naplitani biex igħinu lill-Maltin u l-Ingliżi, kienu ġew stazzjonati fl-inħawi ta' Ħal Balzan. Naturalment ir-rappreżentant tar-raħal ġie nfurmat minnufih, u dlonk beda jfittex fejn sata', almenu, idaħħal għall-kenn dak li kienu ġabu magħhom. Għalhekk is-sur Ġużeppi Frendo, ir-rappreżentant, kien talab lill-kjeriku Cassar biex iħalli lis-suldati Naplitani jdaħħlu dwar ħamsin majjal, ukoll għal lejl wieħed biss, fid-dar li kellu f'tarf ir-raħal.

li jħallsuh tal-kera, u tad-danni li kien ġarrab fil-proprjetà tiegħu.

Il-Gvernatur Alexander John Ball, wara li eżamina dik il-petizzjoni bir-reqqa, dak inhar stess ġiegħel lill-Awditur tal-Kungress, l-abbati Ludovico Savoye, biex jibgħat din il-petizzjoni lir-Rappreżentant tar-raħal biex jirrelata jekk dak li kien qed jitlob Cassar kienx ġara tabilħaqq, jew le.

Ir-rappreżentant ta' Ħal Balzan qara l-ittra u, wara li kien ikkonsulta ruħu sew ma' ta'

• *għal paġna 2*

"HAL BALZAN"

toħroġ kull xahrejn mill-
BORD EDITORJALI — "ĦAL BALZAN"

c/o Każin tal-Banda
'San Gabriel'
Ħal Balzan.

Stampata fil-
Lux Press
Ħamrun.

X'ĠARA FOSTNA

SETTEMBRU 1977

F'dan ix-xahar ikun wasal tmiem il-vaganzi, u għalhekk ħafna familji Balzanin, li jkunu qattgħu l-jiem tas-sajf fid-djar tagħhom tal-villeġġatura ħdejn il-baħar, jerġgħu jibdew jaħsbu biex jiġu lura. Il-ħajja fir-raħal bil-mod il-mod terġa' tibda toqgħod mill-ġdid.

Nhar it-Tnejn, 19 ta' Settembru, reġgħu fetħu mill-ġdid l-iskejjel tal-Gvern għal sena skolastika ġdida. Għalhekk, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan saret quddiesa fit-8.15 a.m. għat-tfal tal-Parroċċa li jattendu l-iskola.

OTTUBRU 1977

Il-festa ta' San Mikiel Arkanġlu din is-sena ġiet iċċelebrata fil-Parroċċa Ħadd fuq il-festa liturġika, jiġifieri nhar il-Ħadd, 2 ta' Ottubru. Fl-4.30 p.m. sar il-għasar, imbagħad il-purċissjoni bl-istatwa. Wara kien hemm il-quddiesa bl-omelija fuq San Mikiel minn Dun Feliċ Tabone. Il-festa għalqet bil-professjoni ta' fratelli ġodda fil-fratellanza tal-qaddis.

Il-Ħadd ta' wara, 9 mix-xahar, saret il-festa tal-Madonna tar-Rużarju. Wara li tkanta l-għasar, ħarġet il-purċissjoni, li fiha akkumpanja l-poplu kollu tal-Parroċċa. Wara ċ-ċelebrazzjoni ewkaristika, ħarġet il-quddiesa, li fiha saret l-omelija fuq ir-Rużarju tal-Madonna minn Dun Ġwann Dimech. Wara saret il-professjoni fil-fratellanza.

F'dan l-istess Ħadd, bdew fil-kunvent tal-Bon Pastur il-konferenzi għall-kbar mis-Soċjetà tal-Museum. Dawn il-Qagħdiet isiru ta' kull nhar ta' Ħadd fis-7.00 p.m.

Nhar il-Ħadd, 23 ta' Ottubru, ġiet iċċelebrata l-Ġurnata Missjunarja, li fiha niftakru f'din l-opra ta' karità nisranija. Minbarra t-talb u egħmejjel oħra spiritwali, sar is-soltu ġbir ta' flus, u l-Balzanin, bħal snin oħra, reġgħu wrew il-ġenerożità tagħhom. Din is-sena, mill-Parroċċa tagħna nġabru, bejn mid-djar u bejn mill-knisja u l-każini, £M552.74,5. Kienet tabilħaqq somma sabiħa li tixraq lil din l-opra qaddisa.

ĠRAJJA F'ĦAL BALZAN FIS-SENA 1800

• *minn paġna* 1

madwaru, kiteb relazzjoni, bit-taljan, fejn fisser kif kienu ġraw il-fatti kollha. Huwa kkonferma dak li kien kiteb il-kjeriku Cassar, u għamel ir-rikkmandazzjonijiet tiegħu wkoll. Hu ssuġġerixxa li Cassar kellu dritt għall-kera tal-lokal u għal kumpens tal-ħsarat. Qal li kellhom jagħtuh kera mis-16 ta' Frar sa April 1800. Il-kera li kien idaħħal mid-dar qabel ħaduha għas-suldati Naplitani kienet ta' żewġ skudi fix-xahar.

Ir-relazzjoni waslet għand Ball nhar id-19 ta' April 1800, u billi dak iż-żmien ma tantx kienu jqisuha wisq, u anqas kien hemm **red tape**, ittieħdu passi minnufih.

Ball, wara r-rikkmandazzjonijiet tar-rappreżentant, ġiegħel lill-awditur G.C. Debono biex jibgħat jinforma lir-rappreżentant biex iwassal messaġġ lill-kjeriku ħalli jasal wasla sa Sant'Anton għax xtaqu li jkellmuh.

X'kien ġara sew wara l-mawra ta' Cassar għand il-Gvernatur ma nafuhx. Nafu, b'danakollu, li l-gvern tal-Franċiżi dik il-ħabta kien wasal fl-aħħar, u donnhom kienu qegħdin isiru thejjijiet għall-paċi. Kien hemm ukoll ċerta attività qarrieqa ta' whud li kienu jixtiequ jbigħu lil pajjiżhom lir-Russja, filwaqt li oħrajn, il-kotra tal-poplu, kienet riedet li l-Ingliżi jibqgħu hawn bħala ħakkiema ġodda.

Jista' jkun li l-kjeriku ma kienx wasal fi ftehim ma' l-awtorità f'Sant'Anton, jonkella kien inqala' xi ntopp bejnu u bejn ir-rappreżentant tar-raħal, dwar xi pretensjonijiet li setgħu nibtu bejniethom.

Ara kemm li fil-bidu ta' Jannar 1803, il-Logutenent ta' Ħal Balzan, l-istess Giuseppe Frendo, kien kiteb lill-Gvernatur fejn għarrfu li bħala rappreżentant tar-raħal, dwar tliet snin qabel, kien nefaq 18-il skud u 11 irbajja għalbiex isewwi l-ħsarat li ġarrab il-kjeriku fid-dar li kellu. Huwa qal li, fost l-oħrajn, kien għamel dawn l-ispejjeż tax-xogħlijiet li twettqu. Interessanti f'dan id-dokument li għandna f'idejna huma l-prezzijiet tal-ġir, tal-imsiemer, u l-mieta tax-xogħol:

xogħol ta' raġel għal ħamest ijiem — 2 irbajja, 6 ħbub

xogħol ta' 8 itfal għal jum wieħed — 1 skud, 4 irbajja

xiri ta' konka ġdida — 6 irbajja

tliet kwarti msiemer — 7 irbajja, 10 ħbub

għal erba' tmiem ġir — 3 skudi

għad-deffun — 1 irbajja, 10 ħbub

għal erba' twavel — 4 skudi, 4 irbajja.

Dak kien żmien!

Kif wasal dan il-kont għand il-Gvernatur, dlonk ordna li t-Teżor iħallas 18-il skud, kif kien hemm fir-rikors. Id-digriet iġib id-data tat-28 ta' Jannar 1803.

B'hekk il-kjeriku Publiju Cassar kien tħallas tal-ħsara li ġarrab fid-dar li kellu battala f'Ħal Balzan, meta nhar it-12 ta' Frar 1800 kienu waslu hawn is-suldati Naplitani biex igħinu lill-Maltin u l-Ingliżi fit-taqbida tagħhom kontra l-Franċiżi.

IL-KNISJA PARROKKJALI (26)

IL-KURCIFISS

AKTAR FESTI FUQ DAN L-ARTAL

Festa ta' San Ġwann L-Evanġelista

Il-festa ta' San Ġwann Appostlu u Evanġelista nsibuha mniżżla fil-Martiroloġji Rumani antiki bid-data tas-27 ta' Diċembru, insibuha llum wkoll bl-istess data wara li ġie ppubblikat id-Digriet Ġenerali tal-Kongregazzjoni tar-Riti nhar is-26 ta' Lulju 1960. (1)

Għall-istorja ta' l-artal tal-Kurċifiss tal-Parroċċa tagħna, niftakru li l-Isqof Alpheran fl-1729 kien talab li fuq kull naħa tal-Kurċifiss jitpittru x-xbihat tal-Madonna u ta' San Ġwann. Irridu naħsbu li meta saru dawn ix-xbihat, qanqlu wkoll id-devozzjoni tal-fidili lejhom. Fost dawn id-devoti, insibu lil Sor Marija Borg, li nhar il-5 ta' Marzu 1754, fl-Att tan-Nutar Gio Andrea Vella, ħalliet legat biex tista' ssir il-festa ta' San Ġwann l-Evanġelista. Skond dan il-legat il-festa kellha ssir għal sittax-il sena (2)

Insibu li din il-festa fl-1758 kienet tikkonsisti fil-kant tal-għasar u quddiesa kantata li kienu dik is-sena ċċelebrati mill-Kappillan Dun Alwiġ Dinè. (3)

Inkomplu fuq din il-festa u ngħidu li peress li l-legat imħolli minn Sor Marija Borg kien għal sittax-il sena, dam mis-sena 1762 sal-1769, u ħallas għal din il-festa ta' San Ġwann it-Tabib Dott. Giuseppe Demarco. (4)

Festa ta' Santa Marija Maddalena

Il-festa ta' Santa Marija Maddalena, li skond il-Kalendarju Ruman issir nhar it-22 ta' Lulju, hawn fil-Parroċċa l-ewwel darba li saret kien fil-ġurnata tagħha fis-sena 1769. (5)

Aktar tard insibu li Dun Pietru Schembri ħalla l-kapital ta' 200 skud biex jistgħu jsiru: l-għasar kantat u quddiesa kantata, kif ukoll il-paneġierku ad unur ta' Santa Marija Maddalena. Dun Pietru Schembri ħalla dan il-legat fl-Atti tan-Nutar Benedetto Falzon fis-sena 1808. (6)

Festa tal-Qalb ta' Ġesù

Illum fuq l-artal tal-Kurċifiss naraw il-kwadru tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, bil-kelmiet bil-Latin: "Fili praebe mihi cor tuum", li jfissru: "Ibni agħtini qalbek".

Fl-1765, il-Papa Klement XIII approva li tibda ssir il-festa tal-Qalb ta' Ġesù. Kienet għadha din il-festa ma ġietx estiża għad-dinja kollha meta nafu li hawn f'Ħal Balzan saret għall-ewwel darba f'Ġunju 1783, għaliex kellu jkun il-Papa Piju IX li fl-1856 estendieha għad-dinja kollha. (7)

Nafu wkoll li l-prokuraturi ta' l-artal tal-Kurċifiss aċċettaw li nhar l-14 ta' Ġunju 1787 il-festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù ssir fl-artal tal-Kurċifiss. (8)

Aktar tard, nhar it-8 ta' April 1812, il-prokuraturi tal-Kurċifiss ħarġu 50 skud għall-baldakkin tal-lama biex jintuża fil-purċissjoni tal-Qalb ta' Ġesù bil-kundizzjoni li s-Sodalità ta' l-Agunija, annessa ma' dan l-artal, tieħu sehem fil-purċissjoni. (9)

Festa tal-Madonna tad-Duluri

L-istess Sor Marija Borg, li ħalliet legat għall-festa ta' San Ġwann l-Evanġelista, ħasbet li wara mewtha tħalli legat biex tista' ssir il-festa ta' Marija Addolorata. Mill-ktieb ta' l-Obbligi 1707-1785, sirna nafu li wara mewtha, Sor Marija Borg ħalliet legat b'obbligu li għal sittax-il sena ssir il-festa tad-Duluri li tikkonsisti f'għasar kantat u quddiesa kantata. Nafu wkoll li dan l-obbligu beda jseħħ nhar il-5 ta' April 1759. (10)

SILTIET MILL-ISTORJA
TA' HAL BALZAN
Tiftix u kitba ta'
DUN ĠWANN DIMECH

IS-SODALITA' TA' L-AGUNIJA FL-ARTAL TAL-KURĊIFISS

Bħalma nsibu l-Fratellanza tas-SSmu. Sagrament, il-Fratellanza tar-Rużarju ma' l-artal tal-Rużarju, ta' San Mikiel ma' l-artal ta' San Mikiel, u tad-Duluri, hekk insibu s-Sodalità mwaqqfa ma' l-artal tal-Kurċifiss. Din tissejjaħ Sodalità għaliex għad li fiha membri, nisa u rġiel miktubin fiha, dawn ma jiffurmawx Fratellanza iżda Sodalità jew għaqda li l-istatut tagħha hu differenti minn dak ta' Fratellanza.

It-Twaqqif ta' din is-Sodalità

Dwar it-twaqqif tas-Sodalità ta' l-Agunija, nafu mis-"Suppliche" 1668-1685 li hemm fil-Kanċellerija tal-Kurja, li: "Il-Prokuratur tas-Sodalità ta' l-Agunija li hemm fl-artal tal-Kurċifiss, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan, Dun Ġużepp Frendo, igħid li din is-Sodalità ilha mwaqqfa xi tmien snin fil-Parroċċa, jitlob li tiġi mwaqqfa kanonikament." Aktar 'l isfel insibu li: "Is-Sodalità ta' l-Agunija tal-Parroċċa ta' Ħal Balzan tiġi mwaqqfa kanonikament, illum, 3 ta' Awissu 1675. Id-dokument ġie ffirmat mill-Vigarju Ġenerali, Monsinjur Vincentius Colonia." (11)

Aktar tard, fit-tieni volum tas-Suppliche 1686-1707, insibu li din is-Sodalità ta' l-Agunija ressqet għall-approvazzjoni ta' l-awtorità tal-Knisja l-Istatut u r-Regoli tagħha. (12)

Fir-relazzjoni tal-Viżta Pastorali li għamel l-Isqof Fra M.H. Molina, li għamel lil din il-Parroċċa nhar it-3 ta' Jannar 1689, igħid li f'din il-Parroċċa hawn imwaqqfa wkoll is-Sodalità ta' l-Agunija. (13)

Id-dokument tal-Viżta Pastorali li għamel l-Isqof Alpheran, nhar is-6 ta' Diċembru 1729, hu interessanti, għaliex fih dan l-Isqof igħid li: "Is-Sodalità ta' l-Agunija ġiet magħquda ma' l-Arċikonfraternità tas-Ssma. Nativita ta' Ruma, nhar il-21 ta' Settembru 1675 fi żmien il-Pontifikat tal-Papa Klement X." (14)

Il-Kitba fis-Sodalità

Min kien jista' jinkiteb fis-Sodalità ta' l-Agunija? Kienu jinkitbu dawk kollha li kienu jixtiequ jkunu membri ta' din is-Sodalità, kif ukoll kienu jiġu miktuba dawk li kienu jidhru li waslu għall-agunija. Skond l-Istatut ta' din is-Sodalità, il-membri kollha għandhom privileġġi li jiġu akkwistati fil-ħajja u waqt il-mewt, kif ukoll quddies ta' suffraġju wara l-mewt.

Fir-reġistri fejn hemm imniżżla l-ismijiet tal-membri li nkitbu fl-Agunija, insibu li mhux biss kienu jiġu ammessi n-nies tal-Parroċċa ta' Ħal Balzan, iżda wkoll nies minn Parroċċi oħra.

Waqt l-agunija, kienet, meta kien ikun possibli, titqaddes il-Quddiesa "Ad postulandam gratiam bene moriendi" li kienu jgħidulha "tal-Buon Passaġġ". Wara l-mewt kienet issir Quddiesa Kantata, jingħad l-Uffizzju tal-Mejtin u jiġi reċitat ir-Rużarju. Kif ukoll kienu jitqaddsu ħamsin quddiesa letta. (15)

Kull ewwel ġimgħa tax-xahar issir quddiesa kantata għall-erwieħ ta' dawk li kienu miktubin fl-Agunija.

• *jissokta f'paġna* 4

RECIPES FROM MALTA

A GUIDE TO TRADITIONAL MALTESE COOKING
Ktieb ta' tisjir tradizzjonali Malti

Issibu mingħand:

MARY'S HOUSE

7, CASTILLE PLACE, VALLETTA-MALTA
(Near Upper Barracca Gardens)

LEADING STORE IN MALTA LACE MANUFACTURING
Souvenirs and Malta weave, Postcards, Ceramics, Wooden Dgħajsas, Maltese National Dolls.

A VISIT IS SOLICITED Telephone: 21337

IL-KELMA TA' L-ISQFIJIET DWAR L-ABORT

(SILTIET MILL-AĦĦAR PASTORALI)

Għeżież,

Huwa dmir tagħna l-Isqfijiet li nwissukom biex f'dak kollu li forsi taraw, tisimgħu jew taqraw, tkunu tafu tagħżlu t-tajjeb mill-ħażin. Ftakru dan: mhux dejjem il-ħażin jidher ħażin; il-ħażin ħafra drabi jiġi mpinġi lilna bħala tajjeb.

Kulħadd jaf, — speċjalment min jinteressa ruħu fl-aħbarijiet ta' barra — li dan illum sar igħodd ħafna saħansitra għall-abort.

Tajjeb li wieħed ikun jaf li l-abort bosta drabi jiġi ppreżentat mhux bħala qtil ta' tarbija iżda bħala ħniena jew mogħdrija ma' xebba jew mara miżżewġa li tinsab imħassba minħabba tqala mhix mixtieqa.

Dan huwa tidwir ta' kliem li jista' jasal biex iqarraq b'ħafna nies speċjalment f'dawk il-pajjiżi fejn l-abort huwa legalizzat.

L-abort legalizzat ifisser li l-omm tkun tista' tneħħi l-frott tal-ġuf tagħha mingħajr ma tiġi akkużata bi qtil anzi tingħata l-għajnuna fi sptarijiet biex isir dan il-qtil.

Hawn ukoll il-ħażin jiġi mpinġi bħala ħaġa tajba. X'uħud jippretendu li, billi jillegalizzaw l-abort, ikunu qed igħinu lill-fqir; għax, igħidu, b'hekk omm li tkun fqira ssib f'pajjiżha dak li tkun trid, u li qabel kienu jsibu s-sinjuri biss billi jsiefru.

Aħna nwissukom biex jekk tisimgħu jew taqraw kliem bħal dan ma titqarrqux: li wieħed irid, ifittex jew jasal li joqtol tarbija qabel it-twelid kemm jekk ikun sinjur, kemm jekk fqir, huwa dejjem qtil. Biex iqarrqu iżjed jaħbu l-kruha ta' dan il-qtil taħt il-maskra tal-mogħdrija. Iżda l-abort, ukoll meta permess mil-liġi tal-bnedmin, jibqa' dejjem projbit mil-Liġi ta' Alla.

Il-ħajja hija mogħtija minn Alla u ebda bniedem fuq l-art ma għandu s-setgħa li jeqred din il-ħajja bl-abort.

Il-qalb ta' l-omm maltija tinqasam meta tisma' l-kelma abort. L-omm maltija tħobb lil uliedha daqs dawl għajnejha: hija lesta li tagħti ħajjitha għal uliedha. L-omm maltija ma jgħaddi qatt minn rasha li toqtol lil uliedha. Hija taf li skond il-liġi t'Alla l-abort ifisser qtil ta' tarbija innoċenti. Hija taqbel mat-tagħlim li jtenni l-Konċilju Vatikan II "l-abort u l-qtil tat-trabi huma delitt l-iktar koroh" *Gaudium et Spes* n. 51.

Il-bniedem jasal għal dan kollu għax jinsa li hemm min jaħseb u jħobbu tassew: Missierna li hu fis-smewwiet.

Nitolbu għalhekk lill-Omm ta' Alla, il-Verġni mqaddsa Marija, biex tgħinna nħobbu 'l Alla billi nħarsu l-liġijiet tiegħu, kif tgħallimhomlna u tfissirhomlna l-Knisja ta' Kristu.

TINSEWX IL-FORUM

(*ara paġna* 1)

MILL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI

Saru wlied Alla bil-Magħmudija

Luciano Micallef, bin Joe u Antoinette.
Rachel Calleja, bint Charles u Josette.
Caroline Castillo, bint Stanley u Joanna.
Lelio Gatt, bin Emmanuel u Mary.
Colin Darmanin, bin John u Florence.
James Vella, bin Joseph u Tessie.
Marilyn Debono, bint Joe u Evelyn.
Antonio Caselli, bin Arnaldo u Nancy.
James Smith, bin Joe u Maudie.
Erica Lattughi, bint Franco u Carmen.
Ian Spiteri, bin Tonio LL.D. u Liliana.
Giles Lanzon, bin Joe u Elizabeth.
Claire Vassallo, bint Neville u Margaret.
Duncan Borg, bin Vincent u Rose Mary.
Maureen Micallef, bint Carmel u Mary Rose.
Daniela Ferry, bint Carmel Neville u Rose Mary.
Brigitte Zammit, bint John u Elvira.
Stefan Falzon, bin Joseph u Gejtana.
Sharon Victoria Attard, bint Joseph u Mary.
Claire Coldman, bint George u Josephine.
Alexandra Pace, bint Joseph u Margaret.
Amanda Lanzon, bint Victor u Josephine.
Anthony Bartolo, bin Emmanuel u Dorothy.
Rachel Zahra, bint Joseph u Mary.

Iffurmaw familja ġdida fil-Parroċċa

Alfred Farrugia u Joan Weaver.
Guido Micallef u Catherine Giordmaina.
John Sultana u Rita Caruana.
Vittorio Mazzaro u Doris Borg.

Ingħaqdu mal-familja tas-sema

Suor Loreta Zammit, tas-Sorijiet tal-Karità.
Ester Micallef.
Pawla Ebejer.
Rosaria Tanti.
Rosanna Magro.
Dun Edwin Darmanin.

CORDINA HALL

CARMEL STREET, BIRKIRKARA
TINKERA GĦAT-TIĠIJIET, ENGAGEMENTS
U KULL OKKAŻJONI OĦRA.

Aħsbu kmieni għall-Booking
Telephones: 42093, 40183, 22254

Jew applikaw għand:

F. CORDINA & SONS
CORDINA SHOWROOM
Bishop Labini Street, Birkirkara

IL-LUNZJATA U L-KARMELITANI

Sur Editur,

Patri Serafin Abela, O.C., li jiena ħsibt li kien sa jagħtini "prosit" kif bdejt naqra l-ittra tiegħu, għoġbu jissuġġerili fl-aħħar ħarġa ta' dil-gazzetta biex naqra "L-Ewwel Karmelitani f'Malta 1418-1659", biex bħal speċi jgħidli li l-Ordni tiegħu ġie f'dawn il-gżejjer għeżież tagħna fl-1418 u mhux fl-1370 kif għidt jiena. Ħaġa żgħira: ħadd minna ma kien hemm f'dak iż-żmien, però nirriferih jara "The Catholic Directory of Malta and Gozo", 1963, paġna 222.

Iżjed, waqt li m'aċċettax li l-knisja semi-troglodita tal-"Lunzjata" fil-ħâra tas-"Saqqajja" barra r-Rabat t'Għawdex qatt ġiet offerta lil dawk il-ftit Patrijiet pijunieri qalbiena tagħhom, ma nnegax li l-Ordni tiegħu jgawdi xi artijiet, fl-inħawi tagħha, kif għidt jiena, eżattament bħalma kien ġara f'Malta mogħtijin mill-aħwa nisa nobbli Sibilla u Margerita d'Aragona fl-1370 rispettivament lill-Ordni glorjuż tiegħu.

Ittenda jew le, Patri Abela, li meta jiena nnotajt dawk l-erba' punti żgħar (*Ħal Balzan*, Nru. 35, pp. 2 u 3), jiena ma semmejt xejn dwar li fl-1370 kien Rettur Dun Pietru Barba (*Ħal Balzan*, Nru. 34, p. 4), għax hekk kien tassew (ara: "Għawdex" tal-Kanonku De Soldanis, Volum I, p. 79).

Nikkonkludi billi nissuġġerilu li nħallu "agli studiosi storiografi l'ardua sentenza" u lill-qarrejja tagħna li raw dawk iż-żewġ kitbiet tagħna l-konklużjoni loġika tagħhom; waqt li ngħidlu li m'iniex beħsiebni nerġa' nirrispondi: dan li għidt biżżejjed.

Inselli għalih u għalik.

Joseph Borg.

ROKNA GĦAT-TFAL

Tfal għeżież,

Wara li r-Russi, fl-1956, kienu għamlu ħerba sħiħa fl-Ungerija u qatlu eluf kbar ta' nies, bosta tfal kienu sfaw iltiema, bla missier jew omm.

Xi nazzjonijiet kbar bħall-Amerika u l-Ingilterra kienu offrew li jilqgħu f'pajjiżhom numru ġmielu minn dawn it-tfal biex jieħdu ħsiebhom xi nies twajba u jrabbuhom daqs kieku kienu wliedhom.

Fost dawn kien hemm mara Amerikana li rabbiet tifel minn dawn daqs li kieku kien binha, u fil-festa tal-Milied ħaditu f'wieħed mill-ħwienet kbar tat-'toys' biex tixtrilu dak li kien jixtieq. Xejn ma għoġbu, u kollha mistagħġba staqsietu: "Mela xi trid?" "Nixtieq grotta bil-Bambin u l-pasturi, jekk għandhom fil-ħanut." Grotta qatt ma kellhom għall-bejgħ, iżda wara sid il-ħanut ħaseb biex mal-ġugarelli jpoġġi wkoll xi 'cribs' li beda jbigħ minnhom numru ġmielu.

Minn dan li qrajtu, għeżież tfal, tistgħu malajr tindunaw li fi żmien il-Milied xejn ma jferraħkom u xejn ma jagħtikom pjaċir daqskemm li fid-dar tagħkom intom stess tarmaw il-presepju bil-Bambin u l-pasturi.

Għalhekk, issa li l-Milied qed joqrob ġmielu, ħudu ħsieb biex kull wieħed minnkom jibda jaħseb biex jarma l-presepju tiegħu. Imlewh sewwa bil-pasturi, u fin-nofs fejn jidhru sewwa poġġu l-Bambin, il-Madonna u 'l San Ġużepp.

Meta jasal il-Milied u l-presepju jkun lest, stiednu lil ħbiebkom biex jarawh u 'l dawk li ma jkunux għamlu presepju bħalkom, ħajruhom biex sena oħra jagħmlu wieħed.


Fuq kollox, tfal, kull meta tħarsu lejn il-Bambin fil-presepju tagħkom, ftakru fil-misterju ta' meta l-Iben t'Alla sar bniedem biex isalvana, u tinsewx tirringrazzjawh f'qalbkom.

Tajjeb ukoll li quddiem il-presepju tagħkom tiktbu fuq biċċa kartuna l-kliem sabiħ: L-IBEN T'ALLA SAR BNIEDEM.

KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

Tfal,

Din id-darba, għall-kompetizzjoni li jmiss ħsibna li nagħmlulkom tisliba, u billi qed joqrob il-Milied, festa li tferraħ mhux biss lill-Insara iżda, tista' tgħid, lill-bnedmin tad-dinja kollha, rajna li tkun ħaġa xierqa li l-kelma li tridu toħorġu minnha jkollha x'taqsam ma' din il-festa kbira. Ħaġa waħda nixtiequ ngħidulkom, li l-kliem kollu li tridu ssibu kollu jibda bl-ittra 'X'. Meta tkunu għamiltu l-kelmiet kollha, il-kelma li jkun hemm fil-kaxxi mmarkati skuri tkun l-isem tal-belt fejn twieled Ġesù tarbija.



1. Tmajtni żżejjed.
2. Kontra ta' lemin.
3. Re jew reġina jkollhom wieħed f'idejhom.
4. Miż-żerriegħa titla' . . .
5. Isem ta' Gran Mastru.
6. Ħallas għalih.
7. Wieħed li jxerred mingħajr l-aħħar ittra.
8. Dejjaqthom.

Bħas-soltu, ibagħtu l-kompetizzjoni tagħkom f'envelop magħluq u indirizzawh lill-Każin tal-Banda 'San Gabriel', jew impustawh intom stess fil-letterbox ta' l-istess każin. Għandkom żmien sa nhar is-Sibt, 24 ta' Diċembru, 1977.

Il-kelmiet li kellkom toħorġu mill-kliem li tajniekom fl-aħħar kompetizzjoni huma:—

Ħabta — aħbat; ħabat; ħatab.
Lasta — satal; satla; tasal; atlas.
Xarba — barax; barxa; bxara; xbara.
Tifel — itlef; tilef; fliet; fitel.

Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni ta' l-aħħar ħarġa hija Mary Ann Cesareo, li toqgħod 38, Triq San Valentinu, Ħal Balzan. Il-premju nieħdu ħsieb nibagħtuhulha.

APPREZZAMENT

PATRI VALENTIN CARDONA O.F.M.

1900—1977

Fl-10 ta' Ottubru 1977, fil-għodu kmieni, bid-daqq imnikket tagħhom il-qniepen ħabbru l-mewt tar-Rev. P. Valentin Cardona O.F.M., li ħadem, tista' tgħid, għomru kollu għall-Missjoni ta' l-Art Imqaddsa. Ħekk din il-figura simpatika, li kienet tqanqal tant ħeġġa bil-kelma mnebbħa tagħha, intemmet mix-xena ta' din id-dinja, biex tingħaqad mal-Ħallieq tagħha li għalih tant ħadmet, stinkat u batiet. Il-ħajja tiegħu ma kenitx qasira; Alla fil-ħniena kbira tiegħu, silfu l-għomor, li hu għaraf jinqeda b'għaqal tassew kbir, għall-glorja Tiegħu u għall-ġid ta' l-erwieħ.



Imwieled f'Ħal Balzan minn Franġisku u Lunzjata Demicoli, fl-10 ta Jannar 1900, ġie mgħammed bl-isem ta' Ġużeppi. Sa min ċkunitu huma għarfu jnisslu fih dak il-biża' t'Alla li hu l-bidu ta' kull għerf. U kien dan il-għerf qaddis li, sa minn kmieni, nissel fih dik il-ġibda qaddisa li fi ftit żmien wasslitu biex jintefa' f'riġlejn l-artal imqaddes biex jitlob lill-W.R.P. Franġisk M. Galea (1919) biex jilqgħu fost l-ulied tal-Patrijarka S. Franġisk. Ta' 21 sena, fl-aħjar ta' żgħożitu, ipprofessa sollennement ir-regola franġiskana u hekk intrabat għal dejjem ma' l-Ordni Franġiskan. Sena wara ġie ordnat saċerdot.

Il-ħidma tiegħu hawn Malta kienet ta' ftit żmien, għax fid-9 ta' Settembru 1926 insibuh imbarkat fuq vapur, li kien ibaħħar bejn Malta u l-Eġittu, biex jilħaq il-port ta' Lixandra fejn kienu bagħtuh is-superjuri tiegħu biex jaħdem fost ħutu l-emigrati maltin. Hawn dam mal-ħames snin, għax fl-1931 ġie magħżul bħala viċi-parroku fil-knisja ta' Bulaq fil-Kajr. Il-ħidma pastorali ġagħ-ħtu jmur fl-Ospizju tal-Madonna tal-Karmnu. Minn hawn għadda għall-kunvent ta' S. Ġużepp tal-Kajr li tiegħu ġie mlaħħaq superjur. Fl-1946 ġie magħżul bħala president tal-kunvent ta' Meadi. Spiċċa l-ħidma tiegħu missjunarja bħala viċi-parroku fl-Ospizju tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù f'Ibrahimek, minn fejn talab il-permess biex jiġi hawn Malta ħalli jista' jkompli x-xogħol tiegħu jaħdem għall-Missjoni ta' l-Art Imqaddsa, bħala Viċi Kummissarju ta' l-istess missjoni.

Ix-xogħol li wettaq matul is-sbatax-il sena li dam Viċi-Kummissarju jista' jtennih kull min kellu x-xorti li jaħdem miegħu. Kull nhar ta' Ħadd kont tarah sejjer kmieni kmieni lejn xi waħda mill-Parroċċi ta' Malta, biex ikellem lill-fidili fuq il-kobor tal-Missjoni u fuq id-dmir li kull wieħed minna għandu, li jgħin mill-aħjar li jista' l-missjoni biex din tkun tista' tilħaq il-għan tagħha li tkompli xxerred id-dawl tal-Evanġelju fost tant imsejkna u, fl-istess ħin, tgħasses u żżomm kif jixraq lis-Santwarju Mqaddes tal-Palestina.

Fi żmien il-Kummissarjat tar-Revdu. P. Nikola Magro (1925-1970) kien ħareġ għall-ewwel darba l-qari "LEHEN L-ART IMQADDSA". Għalkemm id-Direzzjoni kienet f'idejn P. Nikol, l-amministrazzjoni u t-tixrid tagħha kienu f'idejh. U hawnhekk trid tara l-paċenzja, il-perseveranza u x-xogħol ta' P. Valentin, għax kien hu li xerridha ma' Malta u Għawdex kollu, u li kieku ma kienx hu żgur li r-rivista ma kenitx tkompli tgħix għal tant żmien.

Illum hija għalqet 23 sena ta' ħajja. Min jaqraha jista' jgħid kemm swiet biex ixxerred id-devozzjoni lejn il-Missjoni.

Ma rridux ninsew insemmu l-paċenzja u l-perseveranza li biha kien jilqa' 'l kulħadd, speċjalment meta xi ħadd kien jitolbu biex iqerr. Minn fuq l-altar u minn fuq il-pulptu l-kelma tiegħu kienet issaħħrek. Xi ħadd wasal igħid li kien patri li jaf jisraq, għax ma jdaħħalx idejh fil-but biex joħodlok dak li għandek, imma b'kelmtu kien iġagħlek ittih dak li għandek.

Nittamaw li l-ġid li għamel matul ħajtu jservih ħafna quddiem Alla biex jagħtih dak il-premju li għalih ċertament huwa ħadem. Lil kull min jaqra din in-nekroloġija nitolbuh li jiftakar f'ruħu.

PATRI MIKIEL CATANIA O.F.M.

SILTIET MILL-ISTORJA TA' ĦAL BALZAN

• *jaqbad ma' paġna 2*

Fil-ġimgħat ta' Marzu kienet issir quddiesa kantata. (16)

Kif issir l-Agunija

L-Agunija ssir ġeneralment minn żewġ qassisin: wieħed li jkun jassisti lil dik il-persuna li tkun moribonda fid-dar tagħha, l-ieħor fil-Knisja jitlob quddiem Ġesù Sagramentat Espost, jekk ikun fil-ħin meta l-Knisja tkun miftuħa, jew quddiem it-tabernaklu magħluq meta l-agunija tkun tard bil-lejl. (17)

Agunija ta' xi wħud

Mir-reġistru tas-Sodalità ta' l-Agunija, għas-snin 1719-1784, sirna nafu li:

F'Settembru 1752 saret siegħa agunija għal Dun Filippu Borg.

Fi Frar 1754 inxtegħlu għadd ta' torċi ħdejn il-katavru ta' Dun Salv Sammut.

F'Diċembru 1758 saret siegħa agunija għas-sinjura Leonora Rodriguez.

F'April 1764 siegħa agunija għal Marija Xiberras minn Birkirkara.

F'Ġunju 1775 saru sagħtejn agunija għas-sinjura Agata Farrugia.

Fit-22 ta' Frar 1776 is-sur Ġużeppi Sammut minn Ħ'Attard kiteb lil missieru Mikiel fl-Agunija.

F'Lulju 1776 Dun Mikiel Micallef minn Ħal Lija nkiteb f'din is-Sodalità.

Fis-17 ta' Ġunju 1781 is-sur Ġakbu Rodriguez kiteb fis-Sodalità ta' l-Agunija lis-seftura tiegħu Marija. (18)

F'Marzu 1800 saret l-agunija għal Dun Karlu Bellia.

F'Mejju ta' l-istess sena saret siegħa agunija matul il-jum għal Antonio Crespi.

Fis-6 ta' Ġunju 1872 quddiesa "Pro Infirmo" għall-Isqof Mons. Gaetano Pace Forno. (19)

Id-Dħul tas-Sodalità

Id-dħul ta' flus għalbiex tinżamm is-Sodalità ta' l-Agunija kien jiddependi l-aktar mill-ħlas tas-sħubija li kif insibu fl-1762 kien ta' għaxar skudi, kif ukoll minn ġabra li kienet issir fix-xahar bejn il-membri rġiel u nisa, li kienet tkun bejn tnax u ħmistax-il skud. Insibu wkoll li xi drabi kien isir dħul mill-bejgħ ta' sriedek li kienu jiġu mrobbija fid-djar bil-għan li ssir għajnuna lil din is-Sodalità. (20)

REFERENZI


1. Dec. Gen. S. Congreg. Rituum p. 110.
2. Lib. 11. Obblighi 1707 — 1785. Ark. Parr.
3. Ibid. Cit.
4. Lib. 25. fol. 19. Arkiv. Parr.
5. Lib. 25. fol. 24.
6. Ibid. Cit.
7. Lib. 48.
8. Lib. 25. fol. 60.
9. Lib. 25. fol. 80.
10. Lib. 11. Obblighi 1707 — 1785. Ark. Parr.
11. Suppliche 1668-1685 Vol I fol. 549 Kurja Arċiv.
12. Suppliche 1686-1707 Vol II fol. 459 Kurja Arċiv.
13. MOLINA M.H. — Viżta Pastorali fol. 114.
14. ALPHERAN DE BUSSAN P. — Viżta Past. fol. 727.
15. Lib. 64 — Arkivju Parrokkjali.
16. Ibid. Cit.
17. Lib. 25 — Arkivju Parrokkjali.
18. Ibid. Cit.
19. Lib. 39 — Arkivju Parrokkjali.
20. Lib. 3 — Arkivju Parrokkjali.

INTI LI QIEGĦED TAQRA . . .

- X'jidhirlek mill-gazzetta "Ħal Balzan"?
- Qed issib xi kitba fiha li tolqtok aktar minn kitbiet oħrajn?
- X'tip ta' artikoli tixtieq tara fiha?
- Ibgħat is-suġġerimenti tiegħek f'dan l-indirizz: "Ħal Balzan", c/o Każin tal-Banda 'San Gabriel', Ħal Balzan.
- Jekk għandek xi kitba għall - pubblikazzjoni, jew xi offerta ta' flus, aħna nilqgħuhom bil-ferħa.

PROFILI BALZANIN — 8

GUZEPPI CHETCUTI



Ġużeppi Chetcuti, jew aħjar il-Patrakk kif inhu magħruf, twieled Ħal-Għargħur fl-20 ta' Settembru, 1908, minn Pawlu, li kien Balzani, u Anna mwielda Gauci, li kienet minn Ħal-Għargħur. Ta' ħames snin huwa ġie joqgħod Ħal Balzan u beda jattendi l-iskola primarja tal-Gvern fejn dam sakemm kellu ħdax-il sena.

Hawnhekk insibuh impjegat ma' ħanut tal-'grocer' fil-Belt u ftit wara beda jitgħallem issengħa ta' mastrudaxxa ma' Wiġi Galea ta' Ħal Lija. Wara erba' snin f'dan ix-xogħol impjega ruħu għal xogħol ta' tibjid ma' Saverio Zammit Hammet. Ħadem ukoll għal xi ftit żmien ma' ħutu u wara ftit beda jaħdem għal rasu. Ta' min jinnota li matul it-tieni gwerra dinjija huwa kien suldat voluntier fejn baqa' sakemm spiċċat l-istess gwerra.

Ġo Ħal Balzan, Ġużeppi huwa magħruf l-aktar għax-xogħol tan-nar ta' l-art li huwa jaħdem għal nhar San Valentinu — xogħol li ilu jagħmlu għal dawn l-aħħar tlieta u tletin sena.

Fi żmien il-Kappillan Minuti, insibu lil Ġużeppi nkarigat biex ikompli jirranġa l-gwarniċun ta' ġewwa tal-lanterna li kien beda jitmermer.

Madwar ħamsin sena ilu, Ġużepp kien wieħed mill-grupp li ħadmu l-lasti tat-trofej — lasti li għadhom jintramaw sal-lum. Dak iż-żmien il-Każin San Gabriel kien għadu mal-ġenb tal-Knisja Parrokkjali. Ftit nies jafu llum bil-kamra tan-nar li kellu Ħal Balzan f'Misraħ Lewża (li jiġi ħdejn tal-Balal) u li kienet taret misterjożament matul il-lejl. Ġużepp kien wieħed mill-grupp li ta' spiss kienu jaħdmu n-nar fiha.

F'żgħożitu l-'Patrakk' refa' ħafna drabi fl-istatwi tal-Madonna tar-Rużarju, tad-Duluri u ta' San Mikiel, kif ukoll kien jilbes ta' fratell. Ġużepp Chetcuti żżewweġ lil Anġla u għandu tmint itfal.

VITAFOAM
ISEM TA' GARANZIJA
PRODOTTI —
SAQQIJIET
IMĦADED
CUSHIONS U AFFARIJIET
OĦRA TAL-FOAM
Irrikorru:
VITAFOAM MALTA LIMITED
Industrial Estate, San Ġwann (B'Kara)
Telephone: 36275/76

GRECH'S LTD.
154, St. Sebastian Street, Qormi — Tel: 47015
97, Naxxar Road, Balzan. — Tel: 41367
A full range of wall and floor ceramic tiles in 40 different designs and styles has just arrived for you to suit your choice. We also specialise in luxurious bathroom suites, English and Continental, in 21 different colours.
GENERAL MATERIAL FOR USE IN THE BUILDING INDUSTRY
Everything is offered to you to build your future bathroom, with prices to suit your pockets.
Sole Agents for:
HADRIAN and SYNFLAT Emulsion Paints.